uploaded 14.04.2020

KUNSILL LOKALI

RABAT
*Citta' Victoria*

LOCAL COUNCIL

Rabat
Città Victoria

KLR 9/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar 2020 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone u Charlie Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Maria Portelli.

**9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

<u>Mill-minuti</u>

Il-membru Debrincat ġibed l-attenzjoni fir-rigward:-

9.1.1 tan-nota fejn l-membru Ħili qal li għandha tintalab apoloġija mill-Partit Laburista. Debrincat tenna li l-partiti politiċi qatt ma daħlu fi kwistjonijiet personali bejn membri tal-Kunsill. Jekk hemm xi disgwid, dawn għandhom jirranġaw bejniethom;

9.1.2. ta' nota 8.10.4, ma jaqbilx li l-bollards li tpoġġew fi Triq Palma jkunu b'tali mod li jkunu jistgħu jinqalgħu. Dawn għandhom ikunu fissi. Dan l-aħħar inqalgħu peress li fi Triq Agius De Soladanis qed isir xogħol fuq post privat. Sid il-post ser jerġa' jpoġġihom għas-spejjes tiegħu;

9.1.3 ta' nota 8.10.11, fejn staqsa aktar dettalji rigward iż-żjara f'Nichelino sabiex jerġa jiġi skattat il-ġemellaġġ. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li biex ma jkun qed jaqbeż lil ħadd, mill-Kunsill kien ħa l-permess sabiex jaħdem fuq dan il-ġemellaġġ u jikkonsulta ma l-eks Sindku Paul Galea. Fl-aħħar laqgħa ħa l-impressjoni li s-Sindku kien sorpriż li hu ġie bil-pjan ta' meta l-Kunsill għandu jmur Nichelino. Is-Sindku qal li kien ħareġ minn moħħu u jirtira dak li seta qal f'dan ir-rigward. Żied li jaqbel li l-Kunsill għandu jmexxi b'din il-porposta.

9.1.4 Il-membru Buttigieg ġibed l-attenzjoni u kwota minn punt 8.1 fejn is-Sindku qali li ltaqa maż-żewġ membri, Butigieg u Portelli. Buttigieg talab lis-Sindku jikkonferma fejn iltaqa miegħu. Għax tkellmu fit-triq ma jfissirx li ltaqgħu. Hu talab kopja lis-Sindku ta' tad-dokumenti li għadda lill-Portelli. Tenna li l-Viċi Sindku tqabbad bħal medjatur u s-Sindku qabżu u bagħat dokumenti lill-Portelli biex terġa tqum il-kwistjoni flok tiġi rranpġata kif kien il-ħsieb.

Kompla li jekk ried li titwitta l-kwistjoni ma kellux għalfejn jibgħat dokumenti b'emejl minn wara l-Viċi Sindku. Buttigieg żied li s-Sindku għadda biż-żmien lill-Viċi Sindku tal-partit tiegħu stess. Hu talab ir-riżenja tas-Sindku. Hu qam biex joħroġ mill-kamra u s-Sindku qallu li m'għandux jitlaq qabel jisma' lilu.

Is-Sindku qal li ma Portelli ltaqa u qalilha li hi fhemet ħażin peress li l-Kunsill kien talab li l-parkeġġ in kwistjoni jiġi regolariżżat minn *Transport Malta* (TM). TM imbagħad iddeċidiet li l-*un/loading bay* issir komunali. Bagħat korrispondenza lil Porteli sabiex hi tifhem eżatt x'ġara peress li hi ma kienitx preżenti waqt il-laqgħa fejn ġie deċiż dan kollu u ried juriha li Buttigieg ma kellux tort. Fil-korrispondenza wieħed mill-ikkupjati hu l-kunsillier Buttigieg.

Buttigieg reġa' talbu jirriżenja peress li għadda biż-żmien lil sieħbu, l-Viċi Sindku u tenna li l-*un/loading* li sar quddiem 'Tasika' fi Triq Fortunato Mizzi sar b'intervent tas-Sindku qabel intalab il-permess. Qam u ħareġ mill-kamra.

Is-Sindku qal li fuq l-*un/laoding* ta' quddiem 'Tasika' ma jaf xejn għajr li TM ħareġet il-peremss u dan ġie rreġistarta fir-raba' laqgħa ta' dan il-Kunsill. Tenna li d-dokument li bagħat lil Portelli ser jgħaddih lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibagħtu lill-membri kollha.

Il- Viċi Sindku qal li peress li xtaq li l-affarijiet jissolvew u peress ukoll li l-kwistjoni kibret għalxejn, bi ftehim, daħal biex jipprova jirrimedja s-sitwazjoni. Ftiehem ma Portelli li kellha tirtira l-akkuzi lejn il-kunsilllier Buttigieg peress li d-deċizjoni nkwistjoni kienet meħuda mill-Kunsill kollu u minħabba l-fatt li hi m' attendietx għall-laqgħa, ma kienitx taf b'din id-deċizjoni. Kellem ukoll lil Buttigieg fejn dan wegħdu li ħa jirtira ċertu kliem mhux xieraq li qal lejn il-membru Portelli. Il-Viċi Sindku sostna li jħossu li ġie tradut u rridikulat meta wara li kien għarraf kemm lis-Sindku u kemm lil Portelli li ntlaħaq il-ftehim miftiehem minn qabel, minn wara dahru, għaddiet korrispondenza bejn is-Sindku u Portelli u li Portelli marret lura mill-ftehim u ma żammitx ma dak miftiehem u agħar minn hekk, dan għamlitu mingħajr ma s-Sindku jew hi għarfet lilu li mhux ħa żżomm ma dak miftiehem. Il-Viċi Sindku rringrazja lil Buttigieg talli żamm kelmtu, żamm mal-ftehim u li aktar importanti żamm il-kalma meta kien jidher ċar li ħaddiehor mar lura minn kelmtu. Kompa billi qal li kieku kulħadd żamm ma dak miftiehem kieku din is-sitwazzjoni ilha li ġiet riżolta għall-ġid ta' kulħadd u l-Kunsill setgħa jiffoka fuq affarijiet aktar importanti. Għalaq billi sostna li din ħa sservih ta' tagħlima u ma jerġax jidħol medjatur f' każijiet simili minħabba nuqqas kbir ta' rġulija.

Is-Sindku qal li l-għada ta' l-aħħar laqgħa ċempel lill-Buttiġei u dan għajjat kemm felaħ u kellmu ħażin u ma ħalliħx jitkellem. Reġa ċempillu biex jitkellmu wara li tkellem mal-Viċi Sinkdu pero' Buttigieg baqa ma kellmux.

### 9.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri

Din il-mozzjoni ma tressqitx peress li l-proponent ħareġ mill-laqgħa.

### 9.3 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2019

L-*accoountant* tal-Kunsill ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spejga d-dettalji kollha tal-*financial statements* għas-sena 2019. Dawn ġew approvati skond dokument A anness.

## 9.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.4.1 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward:-

(i) korsijiet *Lifelong Learning* 2020-2021;
(ii) permess mill-Awtorita' ta' l-Artijiet biex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet quddiem ħanut, 1 fi Pjazza San Ġorġ;

9.4.2 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward:-

(i) it-twaqqif mit-twaħħil ta' tinded fuq art pubblika fi Pjazza San Ġorġ lill-ħwienet tal-*catering* ta' l-istess pjazza;
(ii) il-ħruġ tal-permess sabiex jinżabbru s-siġar tal-ewkaliptus ta' Triq Wied Żejta. Il-Kunsill ser jikkordina x-xogħol mad-Dipartiment tal-Agrikultura kif isir is-soltu;

9.4.3 ir-Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf dwar id-dawl tat-toroq. Ir-Reġjun Għawdex ġie fdat bil-manteniment tad-dawl tat-toroq LEDs għall-peijodu ta' ħames snin dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2016. Ser jinbdew il-laqgħat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi deċiż il-futur tar-responsabbilita' tad-dawl tat-toroq mill-2021 'il quddiem;

9.4.4 il-Perit Edward Scerri għan-nom ta' Joseph Haber li għandu ħanut tal-*catering* bl-isem 'Characters' fi Pjazza Savina. Il-Perit emenda l-pjanti u talab sabiex tiżdied *platform* tal-injam fejn tiżdied l-*area* tal-imwejjed u s-siġġijiet. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jinġabu l-peremessi neċessarji tal-Awtoritajiet konċernati;

9.4.5 l-Avukat tal-Kunsill rigward ħsara f'*tyre* tal-vettura ta' Joseph Refalo li qed jgħid li ġiet ikkawżata minħabba toqba fit-triq. Il-membri qablu li ma jsirx pagament peress li fir-ritratt li bagħat ma jidhirx it-*tyre* mifqugħ kif qed jgħid is-sid;

9.4.6 il-Kunsill Lokali tax-Xagħra fejn talbu lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Kunsill sabiex tiġi asfaltata Triq is-Sellum, fil-parti tar-Rabat. Il-Kunsill ser jitlob lill-Ministeru għal Għawdex għal għajnuna;

9.4.7 Mro Antoine Mercieca fejn ta dettalji rigward il-band 'Atonal'.

## 9.5 Immaniġjar tat-traffiku

9.5.1 *Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-parkeġġ riservat għall-pesuni b'diżabilita' ta' Marguerite Tabone, 14, Pjazza San Franġisk.

9.5.2 Rigward il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 18, Triq it-Tabib Anton Tabone, TM għarrfet lill-Kunsill li dment li dan il-parkeġġ qed jintuża minn min għandu *blue sticker*, għandu kollox jibqa' kif inhu. Ma hemm l-ebda' regola li tgħid kemm wieħed għandu jdum ipparkjat, ġaladarba huwa jesponi l-*blue sticker*.

Intalab il-permess għall-

9.5.3 parkeġġ riservat għall-perusni b'diżabilita' biswit ħanut tal-fiżjoterapija f'GGE 1, Triq Gorg Borg Olivier;

9.5.4 *railing* quddiem 'Parnis' fi Triq Ġuze' Ellul Mercer, minħabba li tgħix anzjana u għandha bżonn ħadida biex iżżomm magħha hi u toħroġ mid-dar;

9.5.5 tabella *no waiting/stopping* fi Triq San Gorg.

9.5.6 Tressqet korrispondenza mingħand Dennis Formosa fejn issuġġerixxa sabiex Triq Muniċipju Ruman issir *one way*. Dan mhux possibli minħabba li t-triq hi *dead end* u fil-bidu tagħha hemm tabelli li juru dan.

**9.6 Proġetti**

9.6.1 Restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar – Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li sid id-dar ma jsibx oġġezzjoni li jsir ir-restawr neċessarju bil-kundizzjoni li ma ssir l-ebda' ħsara fuq il-propjeta' u f'kas li jiġu rrappurtati xi ħsarat iżomm il-Kunsill responsabbli. Il-membri qablu li jintalab il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jiġi restawrat San Ġorġ tal-Ħaġar.

9.6.2 Tqaxxir u kisi bit-tarmak - Telgħa ta' Majru – Tressqet stima tax-xogħol mill-Perit Mario Cordina. Din tammonta għall-€205,371.20. Dan l-ammont ma jinkludix ix-xogħol tas-servizzi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Enemalta, Go u Melita. Il-membri qablu li dan l-ammont ma jistax jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill.

8.6.3 Tranġar ta' xquq fi Triq iċ-Ċangar - Tressqet stima tax-xogħol mill-Perit Mario Cordina. Din tammonta għall-€288,433.53. Dan l-ammont ma jinkludix ix-xogħol tas-servizzi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Enemalta, Go u Melita. Il-membri qablu li dan l-ammont ma jistax jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill.

**9.7 Laqgħa tal-Lokalita'**

Din il-laqgħa ser issir nhar l-20 ta' April 2020 fis-19.00.

**9.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Frar 2020 skont dokument B anness.

**9.9 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

9.9.1 l-Kunsill jagħmel dawl addattat għall-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira li joħorġu miż-żewġ parroċċi;

9.9.2 rigward l-iskema tal-'Cat Cafe'', l-Kunsill għandu jikkomunika ma Heidi Grech.

9.9.3 jinbidlu l-iskrivaniji tal-uffiċċju tal-*customer care*. Dan biex il-post ikun aktar sikur.

**9.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020, fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv